## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Mejju, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 777/2021**

***ALFRED SCHWAB, HEKK KIF RAPPREŻENTAT LOKALMENT GĦALL-FINIJIET TAL-PREŻENTI PROĊEDURI MILL-MANDATARJU SPEĊJALI TIEGĦU L-AVUKAT DOTTOR MARK ANTHONY MUSCAT, LIEMA MANDAT HUWA LIMITATAMENT GĦALL-FINIJIET TAL-PREŻENTI PROĊEDURI***

***VS.***

***MR GREEN LIMITED***

**Il-Qorti**:

1. Dan huwa digriet dwar **żewġ rikorsi mressqa minn Mr Green Limited fid-9 ta' Marzu, 2022**. Fl-ewwel rikors hija talbet sabiex tikseb il-permess minn din il-qorti ħalli tkun tista' tappella mid-digriet tal-4 ta' Marzu, 2022, li permezz tiegħu din il-qorti awtorizzat korrezzjoni fit-talba finali tar-rikors maħluf; filwaqt li fit-tieni rikors hija talbet il-permess biex tappella mis-sentenza parzjali tal-4 ta' Marzu, 2022, li permezz tagħha din il-qorti ċaħdet l-ewwel tliet eċċezzjonijiet ta' Mr Green Limited;

***Daħla/Fatti***

2. B'rikors maħluf imressaq fil-**<u>5 ta' Awwissu, 2021</u>**, l-avukat Mark Anthony Muscat (minn issa 'l hemm imsejjaħ bħala l-attur *nomine*) fisser li b'żewġ sentenzi mogħtija fl-Awstrija fit-18 ta' Novembru, 2020 u fit-18 ta' Frar, 2021, il-mandanti tiegħu Alfred Schwab ġie ddikjarat bħala kreditur tal-kumpannija konvenuta fis-somma ta' €135,100 u dan minbarra l-imgħaxijiet bl-4% mit-13 ta' Awwissu, 2020 sad-data sakemm isir il-ħlas;

3. L-attur *nomine* sostna li dwar dawn iż-żewġ sentenzi nħarġu żewġ ċertifikati mill-awtoritajiet Awstrijaċi skont ir-**Regolament (UE) 1215/2012**. Iżid jgħid ukoll li permezz ta' ċedola bin-numru 1231/2021, il-kumpannija konvenuta ddepożitat mar-reġistru tal-qorti s-somma ta' €148,596.14;

4. Issa billi l-attur *nomine* jrid jiġbed dawn il-flejjes biex jagħmlu tajjeb għas-sentenzi mogħtija fl-Awstrija, huwa talab lil din il-qorti sabiex:

> *«Tiddikjara eżegwibbli, u konsegwentement tordna u tawtorizza l-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Reġjonali ta' Salzburg (Landesgericht Salzburg), Awstrija fit-18 ta' Novembru, 2020 fl-ismijiet premessi (Dokument A) hekk kif debitament konfermata mill-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Linz bħala Qorti tal-Appell (Dokument B) sabiex l-attur tramite l-attur nomine jkun jista' jeżiġi l-ħlas fl-ammonti kanonnizati fl-istess sentenzi hekk kif ċertifikati bħala eżegwibbli a tenur taż-żewġ ċertifikati hawn anness (Dokument C u D), bl-ispejjeż ġudizzjarji u bl-imgħaxijiet legali fuq l-ammont dovut mit-13 ta' Awwissu 2020 sal-jum tal-ħlas effettiv.»*

5. Il-kumpannija konvenuta Mr Green Limited ressqet risposta maħlufa fl-**<u>14 ta' Settembru, 2021</u>**, u fiha hija ressqet għadd ta' eċċezzjonijiet. Fost dawn l-eċċezzjonijiet kien hemm tliet eċċezzjonijiet preliminari dwar in-nullità, l-irritwalità u l-inammissibilità tal-azzjoni mnedija mill-attur *nomine*;

6. B'reazzjoni għal dawn l-eċċezzjonijiet, l-attur *nomine* ressaq rikors fejn bl-applikazzjoni tal-**artikolu 175 tal-Kap tal-Liġijiet ta' Malta** huwa talab għall-korrezzjoni fit-talba tar-rikors maħluf. Fl-ispeċifiku huwa talab biex din it-talba tiġi tibda b'dawn il-kliem li ġejjin:

> *«A tenur tal-Artikolu 36 et seq tal-Kapitolu III, tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (Recast), tiddikjara li m'hemm l-ebda raġuni għal rifjut ta' rikonoxximent tal-preċitati sentenzi u b'hekk tirrikonoxxi u»*

7. B'digriet mogħti fl-**<u>4 ta' Marzu, 2022</u>**, din il-qorti laqgħet it-talba għall-korrezzjoni, kif mitluba mill-attur *nomine* u b'hekk it-talba finali tar-rikors ġuramentat ġiet taqra hekk:

> *«A tenur tal-Artikolu 36 et seq tal-Kapitolu III, tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (Recast), tiddikjara li m'hemm l-ebda raġuni għal rifjut ta' rikonoxximent tal-preċitati sentenzi u b'hekk tirrikonoxxi u Tiddikjara eżegwibbli, u konsegwentement tordna u tawtorizza l-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Reġjonali ta' Salzburg (Landesgericht Salzburg), Awstrija fit-18 ta' Novembru, 2020 fl-ismijiet premessi (Dokument A) hekk kif debitament konfermata mill-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Linz bħala Qorti tal-Appell (Dokument B) sabiex l-attur tramite l-attur nomine jkun jista' jeżiġi l-ħlas fl-ammonti kanonnizati fl-istess sentenzi hekk kif ċertifikati bħala eżegwibbli a tenur taż-żewġ ċertifikati hawn anness (Dokument C u D), bl-ispejjeż ġudizzjarji u bl-imgħaxijiet legali fuq l-ammont dovut mit-13 ta' Awwissu 2020 sal-jum tal-ħlas effettiv.»*

8. Minbarra dan, b'sentenza parzjali mogħtija dakinhar stess fl-**<u>4 ta' Marzu, 2022,</u>** din il-qorti ċaħdet l-ewwel tliet eċċezzjonijiet ta' Mr Green Limited dwar in-nullità, l-irritwalità u l-inammissibilità tal-azzjoni mnedija mill-attur *nomine* u ordnat li l-kawża kellha titkompla;

9. Fid-**<u>9 ta' Marzu, 2022</u>**, Mr Green Limited ressqet żewġ rikorsi, wieħed biex hija tingħata l-awtorizzazzjoni biex tappella mid-digriet tal-korrezzjoni fir-rikors maħluf u ieħor biex tappella mis-sentenza parzjali;

10. L-attur *nomine* wieġeb għal dawn iż-żewġ rikorsi fit-2 ta' Mejju, 2022 u ta r-raġunijiet tiegħu għaliex din il-qorti m'għandhiex tagħti l-awtorizzazzjoni tagħha biex isir appell mid-digriet tal-korrezzjoni u mis-sentenza parzjali;

11. Inżamm smigħ fit-**<u>2 ta' Mejju, 2022</u>** dwar dawn iż-żewġ rikorsi u wara li l-qorti semgħet lill-avukati tal-partijiet, il-kawża tħalliet biex jingħata dan id-digriet għal-lum;

***Konsiderazzjonijiet***

12. Kif ingħad aktar kmieni, dan id-digriet sejjer jittratta kemm it-talba ta' Mr Green Limited biex hija titħalla tappella mid-digriet tal-4 ta' Marzu, 2022, kif ukoll it-talba biex hija titħalla tappella mis-sentenza parzjali tal-4 ta' Marzu, 2022;

13. Bil-liġi, il-kwistjoni marbuta ma' appelli minn digrieti tinsab regolata bl-**artikolu 229 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Jekk wieħed jifli sew dan l-artikolu, wieħed isib li dan l-artikolu jirregola tliet kategoriji differenti: (i) digrieti li ma jistax isir appell minnhom ħlief flimkien ma' appell mis-sentenza finali; (ii) digrieti li jista' jsir appell minnhom mill-ewwel mingħajr il-permess tal-qorti, anke jekk ma tkunx għadha ngħatat is-sentenza finali; u (iii) digrieti li jistgħu jiġu appellati qabel is-sentenza finali, jekk jinkiseb il-permess speċjali mill-ewwel qorti (ara f'dan is-sens ***Go p.l.c. v. Natalino Zammit*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Mejju, 2015);

14. Id-digrieti li jaqgħu fl-<u>ewwel kategorija</u> (i.e. dawk li ma jistgħux jiġu appellati ħlief mas-sentenza finali) huma mniżżla speċifikatament fl-**artikolu 229(1)** tal-**Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, filwaqt li digrieti li jaqgħu fit-<u>tieni kategorija</u> (i.e. dawk li jistgħu jiġu appellati mill-ewwel qabel is-sentenza mingħajr permess tal-ewwel

qorti) huma mniżżla speċifikatament fl-**artikolu 229(2)** tal-**Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

15. Dwar dawn l-ewwel żewġ kategoriji ta' digrieti, il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ***Il-Pulizija v. Nicholas Gatt*** deċiża fit-13 ta' Jannar, 1999 kelllha dan li ġej xi tgħid,

> *«L-emendi għall-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili introdotti bl-Att Nru. XXIV tal-1995 kienu jinkludu provedimenti appositament maħsuba biex jassiguraw li l-proċeduri ġudizzjarji quddiem qorti ta' l-ewwei grad ma jkunux intralċjati b'inċidenti li jipprovokaw appelli minn digrieti u deċiżjonijiet oħra in parte fil-kors tal-proċeduri, b'mod li, kemm jista' jkun, ikun konsentit biss appell minn sentenza definittiva. Fost dawn l-emendi, dawk għall-**artikolu 229 Kap. 12** huma intiżi biex jidentifikaw u jagħżlu liema kienu d-digrieti ta' xorta diversa li setgħu jingħataw waqt trattazzjoni ta' kawża u biex jassiguraw li fil-parti l-kbira tagħhom, dawk ċjoè elenkati fis-subinċiż (1) ta' dan l-artikolu, ma jkunux jistgħu jiġu kontestati qabel ma tingħata s-sentenza definittiva finali. Din kienet il-finalità tal-leġislatur u dan l-iskop l-emendi jittantaw jilħquh sal-massimu f'dan is-subinċiż (1) ta' l-artikolu 229.*
>
> *Kien però ċar li fil-każ ta' ċerti digrieti li direttament jinfluwixxu fuq l-andament tal-proċeduri, kien ikun kontro-produċenti għall-ispeditezza tagħhom li kieku l-liġi ma kienetx tippermetti appell minnhom qabel is-sentenza definittiva. Dan hu ovvju min-natura stess ta' dawn id-digrieti elenkati bi preċiżjoni fis-subinċiż (2) ta' l-artikolu 229. Dawn jinkludu, apparti d-digriet li jiċħad is-sejħa ta' terza persuna f'kawża bħal dak taħt eżami fil-preżenti istanza, digriet li jiċħad it-talba għall-ħatra ta' periti addizzjonali, digriet dwar trasferiment tas-smiegħ ta' kawża minn qorti oħra skond l-artikolu 792, u digrieti li ma jilqgħux talba għall-urġenza jew li jordnaw ii-waqfien tal-proċedimenti. Digrieti li fil-verità, appell minnhom wara s-sentenza finali ikun kjarament għal kollox inutili u bla skop. Ġustament allura f'dawn il-każijiet ġie rikonoxxut il-prinċipju illi jista' jsir appell minnhom (qabel is-sentenza definittiva u l-liġi tagħti dan id-dritt lill-parti aggravata u żżid "bla ħsara għall-proċedura stabbilita fis-subartikoli (4) u (5) ta' dan l-artikolu".»*

16. Issa kull digriet interlokutorju ieħor li ma jinsabx imniżżel fil-listi provduti fl-**artikolu 229(1)** u **(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jista' jiġi appellat biss, jekk

kemm-il darba min ikun irid jappella minn dak id-digriet jikseb permess speċjali mill-ewwel qorti. Ifisser għalhekk li digrieti li jaqgħu f'din it-tielet kategorija jistgħu jiġu appellati biss qabel is-sentenza finali, jekk l-ewwel qorti taċċetta li jista' jsir tali appell (ara **artikolu 229(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**);

17. Naturalment dan il-permess tal-ewwel qorti huwa mitlub biss jekk ikun irid isir appell minn digriet fi stadju meta tkun għadha ma ngħatatx is-sentenza finali u mhux meta jkun irid isir appell minn dak id-digriet wara li tkun ingħatat is-sentenza finali (ara ***Pauline sive Polly Bonnici pro et noe v. Fr. Marc André Camilleri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru, 2018);

18. Illi l-liġi tagħna ma tagħtix tifsira ta' digriet interlokutorju, madankollu huwa miżmum fil-ġurisprudenza li digrieti interlokutorji huma dawk li *non terminat negotium principale, sed aliam post se expectat sententiam* – li maqlub għall-Malti jfisser dawk id-digrieti li ma jaqtgħux l-kwistjoni ewlenija peress li wara dak id-digriet ikun mistenni li trid tingħata sentenza (ara ***Tabib Joseph Grech v. Mary Grech*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fl-20 ta' April, 1989);

19. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni ***Paul Tanti pro et noe et v. Sammy Tanti pro et noe*** tad-19 ta' Novembru, 2001, digriet interlokutorju huwa mfisser bħala,

> *«i provvedimenti riguardanti l'istruzione della causa nella procedura, che sogliono chiamarsi preparatorie" e quelle che regolano o determinano le prove relative al merito sotto giudizio, e che "chiamarsi ordinatorie"»*;

20. Jiġi b'hekk, li digrieti interlokutorji huma dawk li ġeneralment jipprovdu dwar episodju jew aspett proċedurali matul il-kawża, li jħallu però t-tilwima ta' bejn il-partijiet miftuħa, sewwasew għaliex il-kwistjoni ta' bejn il-partijiet tkun għadha ma spiċċatx (ara ***Joseph Attard et v. Mario Attard et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru, 2018);

21. Issa fil-każ tagħna, id-digriet tal-korrezzjoni tar-rikors maħluf mogħti minn din il-qorti fl-4 ta' Marzu, 2022 fuq is-saħħa tal-**artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, li Mr Green Limited tixtieq tappella minnu, mhuwiex wieħed minn dawk id-digrieti li jissemmew fl-**artikolu 229(1)** u **(2)** tal-**Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Għalhekk dan id-digriet la jaqa' fl-ewwel u lanqas fit-tieni kategorija ta' digrieti fuq imsemmija;

22. Mill-banda l-oħra, din il-qorti tqis li dan id-digriet, li permezz tiegħu ġie korrett ir-rikors maħluf, huwa wieħed ta' sura interlokutorja għaliex permezz tiegħu ġiet indirizzata kwistjoni ta' għamla proċedurali jew preparatorja qabel ma tingħata s-sentenza finali fuq il-mertu aktar 'il quddiem. Sewwasew b'dan id-digriet tal-4 ta' Marzu, 2022 ġie stabbilit x'għandu jifforma parti mit-talba tar-rikors maħluf, li għandha tiġi deċiża fis-sentenza finali u għalhekk fil-fehma tal-qorti din hija kwistjoni li tpoġġi d-digriet inkwistjoni fit-tielet kategorija ta' digrieti li huma regolati bl-**artikolu 229(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

23. Issa skont l-**artikolu 229(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, appell minn digriet bħal dan jista' jsir qabel is-sentenza definittiva, jekk il-qorti li tkun qed tittratta l-każ tagħti permess speċjali sabiex dan isir, wara li tirċievi talba fi żmien għaxart ijiem mill-jum meta d-digriet jinqara bil-miftuħ fil-qorti. Jekk id-digriet interlokutorju jingħata *in camera*, it-terminu ta' għaxart ijiem jitlaq mid-data tal-ewwel seduta ta' dik il-kawża li tiġi minnufih wara li jkun ingħata d-digriet *in camera* (ara **artikolu 229(10) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**);

24. Tajjeb li jingħad, li jekk it-talba biex jinkiseb dan il-permess ma ssirx fi żmien għaxart ijiem, kull appell li jitressaq jitqies bħala wieħed null (ara ***Reginald Heraghty v. Fexserv Financial Services Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Mejju, 2021 u ***Boris Arcidiacono Limited v. HSBC Bank Malta p.l.c.*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Novembru, 2019);

25. Fil-każ tagħna, it-talba biex jinkiseb dan il-permess speċjali saret minn Mr Green Limited fit-terminu ta' għaxart ijiem li ssemmi l-liġi għaliex id-digriet li qiegħed jintalab li jiġi appellat ingħata fil-miftuħ fl-4 ta' Marzu, 2022, filwaqt li r-rikors biex jingħata l-permess għall-appell sar fid-9 ta' Marzu, 2022;

26. Li trid tara l-qorti għalhekk huwa jekk hija għandhiex tagħti l-permess tagħha biex isir appell mid-digriet tagħha jew le. Skont l-**artikolu 229(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, dak li trid tagħmel din il-qorti huwa li tqis jekk ikun aħjar u ġust li l-kwistjoni tinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell jew le;

27. L-argument waħdieni mressaq minn Mr Green Limited għaliex hija għandha tingħata l-permess speċjali biex tappella minn dan id-digriet huwa biss li jkun aħjar li kwistjoni dwar il-korrezzjoni tar-rikors maħluf tinġieb mill-ewwel quddiem il-Qorti tal-Appell ħalli b'hekk jiġu evitati spejjeż inutli u dewmien fil-proċeduri;

28. Fil-ħsieb ta' din il-qorti din ir-raġuni waħidha ma tista' qatt titqies bħala raġuni tajba biżżejjed sabiex jinkiseb permess biex isir appell. Kemm hu hekk, il-liġi trid fl-**artikolu 229(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** li min qiegħed jitlob permess biex jappella, irid jikkonvinċi u jipperswadi lill-ewwel qorti li fl-aħjar interess tal-ġustizzja hemm raġuni tajba għaliex l-appell għandu jitħalla jsir mill-ewwel qabel ma tingħata s-sentenza definittiva. L-irwol tal-qorti għalhekk skont dan l-artikolu mhuwiex li tkun bħal speċi ta' timbru, fejn għandha dejjem għandha tagħti l-permess tagħha biex isir appell;

29. Naturalment hi u tqis talba biex jingħata permess għall-appell, il-qorti m'għandhiex tiddarras jew teħodha kontra dak li qed jitlob li jagħmel l-appell għar-raġuni biss li huwa ma jkunx qiegħed jaqbel mad-digriet tagħha. Min-naħa l-oħra, l-istess qorti lanqas m'għandha taqbad u tagħti l-permess tagħha b'mod awtomatiku biex ma tidhirx kerha ma' dak li jkun. Tassew la l-liġi titfa' l-piż fuq il-qorti stess li tkun tat id-digriet biex tiddeċiedi jekk għandux jitħalla jsir appell jew le, allura dik il-qorti għandha żżomm ruħha oġġettiva u tinqeda bid-diskrezzjoni

għaqlija u newtrali tagħha biex tara jekk fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ ikunx jaħbat aħjar li l-kwistjoni tiġi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Appell jew le. Hi u tagħmel l-għarbiel responsabbli tagħha, il-qorti trid iżżomm f'moħħha mhux biss l-interessi tal-partijiet involuti fil-każ iżda trid iżżomm f'moħħha wkoll anke l-interessi tal-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja b'mod ġenerali għaliex huwa magħruf li l-Qorti tal-Appell hija mgħobbija b'ħafna appelli;

30. Illi biex il-qorti tkun tista' twettaq din id-diskrezzjoni tagħha b'mod xieraq, min qiegħed jitlob il-permess li jappella minn digriet tagħha m'għandux jippretendi li huwa jista' jikseb tali permess mingħajr ma jiġġustifika t-talba tiegħu. Mod ieħor min jixtieq jingħata l-permess biex jappella jrid jispjega għaliex ikun aħjar li l-appell għandu jsir qabel is-sentenza finali u mhux wara;

31. Dan jista' jintwera billi pereżempju dak li jkun juri li d-digriet inkwistjoni ikun jolqot xi punt legali tekniku li huwa tant diffiċli jew innovattiv li jkun jixraq l-intervent mill-ewwel tal-Qorti tal-Appell; jew li dak id-digriet ikun aħjar li jiġi appellat mill-ewwel minħabba li jkun hemm allegazzjoni serja (u mhux fiergħa) li biż-żamma ta' dak id-digriet, parti tkun x'aktarx sejra ġġarrab xi preġudizzju serju fil-proċeduri; jew inkella jekk jintwera għas-sodisfazzjoni tal-ewwel qorti li hemm aggravji tajbin kontra dak id-digriet li jistgħu jwasslu lill-Qorti tal-Appell tbiddel jew tħassar dak id-digriet;

32. Illi fil-każ tagħna, Mr Green Limited ma tat l-ebda raġuni speċifika għaliex huwa aħjar li jsir appell issa mid-digriet tal-4 ta' Marzu, 2022 u mhux wara li tingħata s-sentenza finali. Tassew Mr Green Limited ma spjegatx x'hemm ħażin fid-digriet tal-4 ta' Marzu, 2022, bħalma lanqas ma fissret x'inhuma l-aggravji speċifiċi li hija għandha kontra dan id-digriet. Għalhekk mingħajr tali spjegazzjoni, din il-qorti ma tistax tiddeċiedi jekk jaqbilx li jitħalla jsir appell issa jew aktar tard;

33. Fin-nuqqas ta' motivazzjoni xierqa, it-talba ta' Mr Green Limited biex titħalla tappella mid-digriet mogħti minn din il-qorti fl-4 ta' Marzu, 2022, ma tistax tintlaqa' u għalhekk din qiegħda tiġi miċħuda;

34. Il-qorti sejra issa tgħaddi biex tqis it-**<u>tieni rikors</u>** ta' Mr Green Limited, biex tingħata permess tappella mis-sentenza parzjali tal-4 ta' Marzu, 2022, li permezz tagħha ġew miċħuda l-ewwel tliet eċċezzjonijiet tagħha;

35. Skont il-*proviso* tal-**artikolu 231(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, jista' jsir appell minn sentenza li ma tkunx finali, jekk kemm-il darba l-ewwel qorti tagħti l-permess tagħha biex ikun jista' jsir appell;

36. Dan il-permess biex isir l-appell għandu jintalab bil-fomm dakinhar li tingħata s-sentenza parzjali jew inkella permezz ta' rikors li għandu jitressaq fi żmien sitt ijiem minn meta tingħata dik is-sentenza li dwarha qed jintalab li jsir l-appell (ara wkoll ***Roberto Carlos Calleja v. Annot Company Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Settembru, 2009). Mingħajr dan il-permess tal-ewwel qorti, kull appell li jitressaq huwa null (ara ***Michele Peresso Limited v. De Tigne Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Diċembru, 2021);

37. Ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni ***Dragonara Gaming Limited v. Is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru responsabbli għall-Finanzi et*** mogħtija fit-13 ta' Frar, 2020 li qabel daħlu fis-seħħ l-emendi fil-**Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** b'riħet l-**Att XXIV tal-1995**, kien fid-diskrezzjoni assoluta tal-parti telliefa jekk tagħżilx li tappella minnufih minn sentenza parzjali, inkella jekk tistenniex biex tappella minnha fl-aħħar, flimkien mas-sentenza finali;

38. Permezz tal-**Att XXIV tal-1995**, il-leġislatur, għalkemm ma neħħiex għalkollox id-dritt tal-parti telliefa milli tappella minnufih minn sentenza parzjali, għamilha kundizzjonata għall-kisba tal-permess tal-qorti li tkun tat dik is-sentenza parzjali;

39. Tkompla jingħad f’din id-deċiżjoni li,

> *«Il-liġi ma tagħti l-ebda kriterju li fuqu l-ġudikant jagħti jew jiċħad dan il-permess. Il-leġislatur ħalla f’idejn il-ġudikant biex dan jiddeċiedi skont id-diskrezzjoni libera tiegħu. Diskrezzjoni li għandha dejjem tiġi eżerċitata b’għaqal kbir u mhux b’mod arbitrarju. Kif taraha din il-Qorti, din ix-xelta hija ffrenata qabel xejn mill-obbjettiv li ried jilħaq il-leġislatur bl-emenda msemmija, li huwa, b’mod manifest, li jillimita l-ispezzettar tal-kawżi b’appelli interposti minn kull waħda mis-sentenzi in parte li tista’ maż-żmien tingħata, bil-konsegwenti dewmien sa ma l-kawża kollha kemm hi tiġi determinata, għallanqas fl-ewwel grad. Dan l-objettiv partikolari fir-rigward ta’ appell minn sentenzi in parte huwa biss manifestazzjoni partikolari tal-objettiv ġenerali; anzi ta’ dak li* ***Lord Woolf MR*** *isejjaħlu l-“overriding objective” tal-proċediment ġudizzjarju ċivili taż-żminijiet tallum “which embodied a three-dimensional concept of justice which incorporates the arriving at of judgements that are correct in fact and in law, by means of proportionate use of resources, and within a reasonable time” (Lord Woolf MR, Access to Justice: Final Report to the Lord Chancellor on the Civil Justice System in England and Wales (Access to Justice, Final Report), 1996, Section 1(8). Ara wkoll Zuckerman on Australian Civil Procedure, 2018, para. 1.3 et. seq). L-għoti ta’ sentenza fi żmien raġonevoli huwa wkoll dritt fundamentali tal-bniedem.»*

40. Il-ħsieb tal-liġi li tħalli f’idejn il-qorti li tiddeċiedi hi jekk għandux jitħalla jsir appell mis-sentenza parzjali mill-ewwel jew le, huwa biex kemm jista’ jkun trażżan lill-parti telliefa milli ttawwal bla raġuni tajba l-mixi ’l quddiem ta’ kawża billi tressaq appell qabel ma l-każ ikun inqata’ b’sentenza finali (ara ***George Vella noe et v. Rev. Charles Ċini*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta’ Frar, 2004 u ***Isabella Zananian Desira v. Kunsill Mediku*** deċiża mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta’ Marzu, 2017);

41. Huwa sewwasew għalhekk li l-permess biex jingħata appell minn sentenza parzjali taħt l-**artikolu 231 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta** m’għandhiex tkun ir-regola iżda għandha tkun l-eċċezzjoni meta tiġi murija raġuni tajba li jkun aħjar li l-appell mis-sentenza parzjali jsir mill-ewwel u mhux aktar tard (ara f’dan is-sens

***Tigran Arutyunyan v. Property Consultants Atw Limited*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Lulju, 2017);

42. Bilkemm hemm bżonn illi jingħad, fid-deċiżjoni tagħha dwar jekk hija għandhiex tagħti permess jew le biex isir appell mis-sentenza parzjali, il-qorti m'għandha tħares lejn xejn għajr l-utilità prattika u l-ekwità li tippermetti li l-appell isir. Ċertament il-qorti m'għandhiex tagħmilha hi ta' qorti tal-appell jew li terġa' tqis fil-mertu l-konsiderazzjonijiet li hija tkun għamlet meta tat id-deċiżjoni tagħha impunjata (ara ***Ronald Micallef et v. Subway (Malta) Limited*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Jannar, 2002);

43. Fil-każ tagħna, Mr Green Limited ma semmiet l-ebda raġuni speċifika, għajr l-osservazzjoni ġenerali tagħha li jkun aħjar li jsir appell issa mis-sentenza parzjali f'dan l-istadju milli aktar tard;

44. Raġuni sempliċistika bħal din ma tistax titqies bħala waħda valida skont l-ispirtu tal-**artikolu 231 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** biex din il-qorti tagħtiha permess tappella mis-sentenza parzjali f'dan l-istadju;

45. Biex Mr Green Limited setgħet tikseb il-permess biex tappella mis-sentenza parzjali hija riedet turi li kien fl-interess suprem tal-ġustizzja li titħalla tappella issa u mhux wara li tingħata s-sentenza finali. Madankollu Mr Green Limited m'għamlet l-ebda sforz biex tipprova tipperswadi lill-qorti għaliex hija għandha tħalliha tappella mis-sentenza parzjali f'dan l-istadju;

46. Fin-nuqqas ta' motivazzjoni serja, il-qorti ma tistax tawtorizza lil Mr Green Limited biex tappella mis-sentenza parzjali f'dan l-istadju. Anzi l-qorti tqis li appell f'dan l-istadju jservi biss biex is-smigħ ta' din il-kawża jiġi maqsum u ż-żmien tal-proċess jitwal bla bżonn;

47. Jiġi b’hekk, li anke dan it-tieni rikors ta’ Mr Green Limited biex titħalla tappella mis-sentenza parzjali tal-4 ta’ Marzu, 2022 mhuwiex sejjer jintlaqa’;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda **tiċħad** iż-żewġ rikorsi mressqa minn Mr Green Limited fid-9 ta’ Marzu, 2022 sabiex hija titħalla tappella mid-digriet u mis-sentenza parzjali mogħtija minn din il-qorti fl-4 ta’ Marzu, 2022.

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**